MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1019/2006

**L-Avukat John Vassallo bhala mandatarju tal-assenti Richard Tua u Vicky Tua**

**vs**

**Raymond Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat John Vassallo bhala mandatarju taghhom fejn dan, wara li ppremetta illi:

Huma ghaddew b'titolu ta' kiri ghall-favur tal-konvenut il-fond maghruf bhala "Villa Palma" fl-inhawi "tal-Palma" fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, ghall-perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar, 2006 sal-31 ta' Jannar, 2009, bil-kera u skond il-kundizzjonijiet li gew pattwiti fl-iskrittura maghmula fl-10 ta' Jannar, 2006, li kopja taghha tinsab hawn esebita (Dokument "A").

Permezz ta' ittra registrata datata t-tnejn ta' Awissu, 2006 (Dokument "B"), il-konvenut intalab ihallas il-kera dovut skond il-ftehim fuq riferit ghax-xahar ta' Awissu, 2006, ai termini tal-istess ftehim, pero' il-konvenut baqa' inadempjenti; u barra hekk il-konvenut abbanduna b'mod definittiv il-kiri tal-imsemmi fond.

Il-konvenut ikkaguna hsarat fil-fond lilu mikri kif spjegat, liema hsarat gew riparati mill-esponenti. Il-konvenut inoltre ma hallasx kontijiet ta' dawl, ilma u telefon fl-ammont ta' erba' mija u tmintax-il Liri Maltin (Lm418.00).

Talab il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenut naqas milli jonora l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' kiri maghmul kif spjegat bejn il-partijiet kontendenti fl-10 ta' Jannar, 2006, ghar-rigward tal-fond maghruf bhala "Villa Palma" fl-inhawi "tal-Palma" fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar;

Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut ihallas lill-esponenti l-ammont ta' tlettax-il elf u mitejn Liri Maltin (Lm13,200.00), rapprezentanti danni dovuti minnu lill-esponenti li jikkonsistu fil-kera pagabbli ai termini tal-ftehim fuq riferit ghall-perjodu mill-1 ta' Awissu, 2006, sal-ahhar ta' Jannar, 2009;

Tillikwida l-valur tal-hsarat kagonati mill-konvenut fil-fond fuq imsemmi;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti l-valur li jigi hekk likwidat ghall-hsarat minnu kagonati; u

Tikkundanna ukoll lill-konvenut ihallas lill-esponenti l-ammont ta' erba' mija u tmintax-il Liri Maltin (Lm418.00) f'kontijiet ta' dawl, ilma u telefon li baqghu ma thallsux mill-konvenut kif fuq jinghad;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ zewg ittri legali u tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1589/06, kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Frar, 2009, li permezz tieghu Richard u Vicky Tua assumew huma stess l-atti tal-kawza.

Rat li, l-intimat, ghalkemm debitament notifikat a tenur tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Semghet lill-Richard Tua jixhed.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex ittenni l-insenjament kostanti ta’ dawn il-Qrati li l-kontumacja ma titqies qatt bhala ammissjoni. Hija kontestazzjoni u ghalhekk jibqa’ jinkombi fuq l-attur li jipprova dak li jallega.

Fil-kaz odjern, Richard u Vicky Tua, rikorrent, irnexxielhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi t-talbiet taghhom kollha huma gustifikati u dan inkluz l-ammont ta’ Lm2030 spejjez rigwardanti hsarat.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Raymond Micallef ihallas lil Richard u Vicky Tua s-somma komplessiva ta’ €36,450, ekwivalenti ghal Lm15,648, bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond Micallef.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------